**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**
**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Referenza Kostituzzjonali N: 585/2021 (NC) GG**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Luke John Milton (K.I 0174496 M)**

Illum 25 t'April, 2024

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza dwar ordni ta' referenza maghmula mill-Qorti Kriminali liema ordni wasslet ghand din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Settembru, 2021 dwar n-nuqqas t'appell fi procedura taht l-artikolu 401 tal-Kodici Kriminali.

**Fatti fil-qosor:**

- Luke John Milton ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qorti Istruttorja u wara li inghata differiment li kien jissarraf fiz-zamma tieghu taht arrest ghal zmien li jeccedi il-hmistax-il jum intavola rikors quddiem il-Magistrat tal-Ghassa li bih talab li d-detenzjoni tieghu taht arrest quddiem Qorti Istruttorja diversament preseduta, kien kontra ligi. Dak ir-rikors kien michud u intavola procedura quddiem il-Qorti Kriminali ghar-revoka ta' dik id-decizzjoni, liem rikors kien ukoll michud u l-Qorti Kriminali laqghet it-talba tieghu sabiex

issir referenza lil Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar jekk in-nuqqas ta' fakolta' t'appell jivjolax il-jedd fundamentali tieghu ghas-smiegh xieraq.

Rat ir-referenza maghmula mill-Qorti Kriminali;

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Generali ghar-referenza maghmulha mill-Qorti Kriminali;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda mressqa mir-rikorrenti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ukoll lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

**Fatti rilevanti:**

- **Luke John Milton** tressaq b'arest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-18 ta' Gunju 2021 sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet ta' frodi, appropriazzjoni indebita, qliegh b'qer, serq ta' *crypto currency,* atti ta' *money laundering* u reati ohra konnessi;

- Fl-istess udjenza li fiha tressaq b'arrest, l-imputat talab li jkun mehlus mill-arrest pendenti l-proceduri kriminali kontra tieghu, liema talba kienet michuda b'digriet tal-Qorti Istruttorja tat-18 ta' Gunju, 2021;

- Fl-udjenza tat-28 ta' Gunju, 2021, il-Prosekuzzjoni talbet sostituzzjoni tal-imputazzjonijiet u l-qorti laqghet it-talba b'dan illi l-imputazzjonijiet kif mibdula nqraw mill-gdid bil-gurament u ghalhekk rega sar l-ezami tal-imputat kif titlob il-ligi. Il-Qorti tinnota li ghad li kien hemm zieda ta' imputazzjonijiet, dawn ma huma ta' ebda rilevanza ghall-fini din is-sentenza. F'din l-udejnza xehedu tlett xhieda tal-prosekuzzjoni tnejn minnho fit-tul, u esebew dokumenti in relazzjoni mal-kaz, liema udjenza kienet differita ghall-kontinwazzjoni gas-6 ta'Lulju, 2021;

- Fil-25 ta' Gunju, 2021, l-imptuat ipprezenta rikors quddiem il-Qorti Istruttorja li bih talab il-helsien mill-arrest. Il-Qorti ordnat notifika lill-Avukat Generali bi zmien 24 siegha ghar-risposta. L-Avukat Generali wiegeb fit-30 ta' Gunju billi reregistra oggezzjoni u fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2021, l-Qorti rrizervat li tipprovdi kameralment dwar din il-talba;

- Fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2021, wara li xehedu tlett persuni ohra mressqa mill-prosekuzzjoni u saret il-hatra ta' zewg esperti, l-Qorti prolatat digriet li bih ddikjarat illi *prima facie* hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza, ddiferiet il-kumpilazzjoni ghall-11 t'Awissu, 2021 u orndat li l-atti jkunu rinvjati lill-Avukat Generali skond il-ligi;

- Fl-istess jum, il-Qorti prolatat digriet li bih cahdet it-talba tal-imputat bis-segwenti raguni:

  "Ghal motivi hawn fuq migjuba, hi allura il-fehma ta' din il-Qorti, meta l-proceduri ghadhom fi stadju ferm bikri, li minhabba l-fattispecje partikolari ta' dan il-kaz, fejn ghad hemm il-periklu li jista' jinholoq pregudizzju serju fil-kors tal-amministrazzjoni tal-gustizzja minhabba li l-*in genere* marbuta mal-fattispecje ta' dan il-kaz tibqa' wahda attiva, maghdud man-natura graci tar-reati li dwarhom jinsab mixxli l-imputat kif ukoll fejn fadal biex jixhdu xhieda pajzana, ghadha tezisti dik il-biza rejali ravvizata fl-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali li almenu, f'dan l-istadju, ghadha tiggustifika d-detenzjoni tal-imputat";

- Fl-istess digriet il-Qorti akkodat zmien sas-seduta li jmiss biex tressaq lil dawk ix-xhieda li dwarhom esprimiet biza t'intralc tal-provi;

- Fit-8 ta' Lulju, 2021 l-imputat intavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali li bih talab il-helsien mill-arrest u li bih attakka r-raguni moghtija mill-Qorti Istruttorja fid-digriet taghha tas-6 ta' Lulju 2021 meta invokat il-kwistjoni ta' pendenzi investigattivi. [Dan ir-rikors kien prezentat quddiem il-Qorti Kriminali stante illi fit-terminu ta' zmien li fih l-atti tal-kumpilazzjoni jkunu rinvjati lill-Avukat Generali, ir-rikors jista' biss jingieb quddiem il-Qorti Kriminali]. Il-Qorti Kriminali ordnat notifika lill-Avukat Generali bi zmien 24

siegha ghar-risposta liema risposta kienet ipprezentata fit-12 ta' Lulju, 2021 kontenenti oggezzjoni;

- Fit-13 ta' Lulju, 2021, il-Qorti Kriminali semghet lill-partijiet fl-udjenza minnha u rrizervat li tipprovdi kameralment, u bi provvediment tal-14 ta' Lulju, 2021, cahdet it-talba tal-imputat bis-segwenti *decide*:

- Ghalkemm l-akkuzat ghadu prezunt innocenti, din il-Qorti, f'dan l-istadju, primarjament minhabba l-biza ta' intralc tal-provi u wkoll ghax mhux konvinta illi jekk l-akkuzat jinghata l-liberata' provvizordja mhux ser jerga' jikkometti xi reat iehor ta' natura simili, **tichad** it-talba tal-akkuzat;

- B'nota tal-10 t'Awissu, 2021 maghmulha fit-termini tal-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali l-Avukat Generali talab lill-Qorti Istruttorja taghmel dak hemm mitlub u fil-11 t'Awissu, 2021 l-Qorti Istruttorja, wara li semghet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, ddiferiet il-kumpilazzjoni ghas-7 ta' Settembru, 2021. [B'dan id-differiment il-Qorti Istruttorja kienet ghadha kompetenti stante li ma kienx hemm ordni ta' rinviju lill-Avukat Generali] ;

- Fit-2 ta' Settembru, 2021, l-imputat ipprezenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali li bih talab li d-detenzjoni tieghu mhix skond il-ligi stante li bid-differiment tal-kumpilazzjoni ghas-7 ta' Settembru, ser ikun ilu mizmum taht arrest ghall-iktar minn hmistax-il jum konseguttiv minghajr ebda interruzzjoni kontra d-dak li jiddisponi l-artikolu 401(1) tal-Kapitolu 9. Il-Qorti ordnat notifika lill-Avukat Generali u lill-Kummissarju tal-Pulizija u li jressqu risposta fl-udjenza ta' dakinhar stess fil-5.30pm;

- F'dan ir-rikors, l-imputat spjega kif fil-31 t'Awissu, 2021 huwa intavola rikors quddiem il-Magistrat tal-Ghassa ai termini tal-artikolu 412B tal-Kapitolu 9 li bih talab li l-arrest kontinwu tieghu mhuwiex skond il-ligi u li b'hekk ghandu jinheles. Skond ir-rikors appena msemmi, l-Qorti tal-Magistrati [allura mhix dik li qed tikkompila l-atti fil-kawza kontra l-imputat] prolatat digriet li bih cahdet dik it-talba (ara digriet a fol 220 tal-atti processwali)

- L-imputat ma jaqbilx ma' dik id-decizzjoni u ghalhekk ressaq dan ir-rikors, jigifieri dak quddiem il-Qorti Kriminali datat 2 ta' Settembru, 2021 u fih talab it-thassir tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Settembru, 2021 u li minflok tiddikjara li d-detenzzjoni kontinwata tieghu hija kontra l-ligi u li konsegwentement ghandu jinghata l-helsien mill-arrest fit-termini tal-artikolu 412B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-udjenza tat-2 ta' Settembru, 2021 quddiem il-Qorti Kriminali, wara li l-imputat iddikjara li ma ghandux dritt ta' revizzjoni mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li cahdet it-talba li l-arrest tieghu jkun dikjarat illegali, talab lill-Qorti Kriminali tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali);

- B'digriet tat-3 ta' Settembru, 2021 il-Qorti Kriminali ddecidiet hekk dwar it-talba tar-imputat rikorrent :

  "Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tirreferi ghal konsiderazzjonijiet kollha maghmulha, qieghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex issir referenza kostituzzjonali stante li *prima facie* jista' jirrizulta li hemm nuqqas ta' parita fl-armi kif previst fl-artikolu 409A u 412B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li id-difiza ma hiex qed tinghata l-istess fakolta li tappella decisjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati filwaqt li tali dritt qed jinghata lill-Avukat Generali u ghalhekk qed tirreferi l-atti ta dan ir-rikors flimkien ma kopja legali tal-process li ghandu jsir mir-Registratur tal-Qrati lill-Onoroabbli Prim;Awla tal-Qorti civili (Sede Kostituzzjonali) sakemm jkun hemm esitu finali dwar din ir-referenza.

  Din il-Qorti pero' ma hiex qed tordna is-sospensjoni tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti u fil-fatt qed tordna li kopja ta' dan id-digriet flimkien mal-inkartament tal-process li qed jinstemgha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Isruttorja jintbaghat quddiemha sabiex dik l-istess Qorti tkun tista' tissokta bil-proceduri nhar it-Tlieta ghal-meta hi differita din il-kawza."

**Ligijiet relevanti:**

**Kodici Kriminali – Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**

**401** (1 Il-kompilazzjoni għandha tingħalaq fi żmien xahar,illi, għal raġuni tajba, jista' jiġi mġedded mill-President ta' Maltagħal perijodi oħra kull wieħed minnhom ta' xahar, u kull tiġdidbħal dan għandu jsir fuq talba bil-miktub magħmula mill-qorti:

Iżda ż-żmien fuq imsemmi m'għandux b'kollox jiġi hekk imġedded għal aktar minn tliet xhur:

Iżda wkoll kemm-il darba ma jkunx ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-akkużat għandu jinġieb quddiem il-qorti għall-anqas darbakull ħmistax-il ġurnata sabiex il-qorti tiddeċidi jekk għandux jibqa'arrestat

(2) Meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti tiddeċidi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-qorti, tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu. .

(3) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-qorti għandha tordna li l-Avukat Ġenerali, fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol jingħata aċċess bil-mezzi elettroniċi għal kopja skenjata tal-atti tal-kompilazzjoni flimkien mal-esebiti kollha relatati mal-każ.

(3A) Meta l-qorti tqiegħed lill-imputat taħt att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, il-qorti għandha, minbarra li tagħti l-ordni imsemmija fis-subartikolu (3), taġġorna l-każ għal data oħra, li tkun data mhux iktar kmieni minn xahar (1), iżda mhux iktar tard minn sitt(6) ġimgħat mid-data tal-aġġornament. Il-qorti għandha wkoll taġġorna l-każ kif ingħad għal data li tkun tiġi wara li l-qorti tkun irċeviet in-nota ta' rinviju skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 405 mingħand l-Avukat Ġenerali iżda li tkun tiġi qabel id-data li fiha terġa' tagħti aċċess permezz ta' mezzi elettroniċi għall-atti tal-kompilazzjoni flimkien mal-eżebiti kollha u dokumenti fil-każ lill-Avukat Ġenerali skont xi dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi.

(4) Meta tkun qed tiddeċiedi jekk ikunx jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża l-Qorti ma għandha tikkonsidra ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni jew xi eċċezzjoni bħal dik imsemmija fl-artikolu 449(1)(d).

(5) Matul it-terminu stipulat fis-subartikolu (3A), il-Qorti Kriminali tkun kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar talbiet ippreżentati matul l-imsemmi terminu.

**407** Fil-każijiet imsemmijin fl-ewwel biċċa tal-artikolu 402(5) u fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-kompilazzjoni għandha tingħalaq fiż-żmien li jingħad fl-artikolu 401(1), li jibda jgħodd minn dak in-nhar li l-qorti tkun irċeviet l-atti.

**412B** (1) Kull min ikun jinsab taħt arrest għal reat li dwaru jkun qed jiġi imputat jew akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li, f'kull stadju ieħor minbarra dak li jirreferi għalih l-artikolu 574A, jallega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu ma tkunx skont il-liġi, jista' f'kull waqt jagħmel rikors lill-qorti fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-arrest. Rikors bħal dak għandu jiġi appuntat għas-smigħ b'urġenza u flimkien mad-data tas-smigħ għandu jiġi notifikat fl-istess jum li jsir lill-Kummissarju tal-Pulizija jew, skont il-każ, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali, li jistgħu jippreżentaw risposta għalih sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigħ.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 574A(2) u (3) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal rikors li jsir taħt dan l-artikolu.

(3) Meta r-rikors isir għar-rigward ta' proċeduri li jkunu għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja qabel ma jkun ġie ppreżentat att tal-akkuża jew jekk iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (3A) tal-artikolu 401 jkun għadu għaddej, ir-rikors isir quddiem il-Qorti Kriminali u għandhom *mutatis mutandis* japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu dwar dak ir-rikors.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 409A(4) għandhom japplikaw għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati taħt dan l-artikolu.

**Ikkunsidrat:**

1. Illi kif jemergi mill-atti processwali, din ir-referenza saret fuq talba tal-imputat quddiem il-Qorti Kriminali fil-mori tal-kumpilazzjoni tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Mill-fatti rakkontati *supra*, jirrizulta illi wara rinviju tal-atti mill-Avukat Generali lill-Qorti Istruttorja sabiex tkompli tisma' l-provi hemm indikati, l-Qorti, wara li semghet xi provi, ddiferiet il-kumpilazzjoni ghal data ohra, kif setghet taghmel, qabel ma terga tibghat l-atti lill-Avukat Generali. L-imputat, li allura kien qed jinzamm taht arrest preventiv, deherlu li dak id-differiment ta' aktar minn hmistax-il lum kien in vjolazzjoni tar-regola li, skond hu, biha kellu jingieb il-Qorti kull hmistax-il jum. B'hekk intavola rikors quddiem il-Magistrat tal-Ghassa biex jinheles mill-arrest li kien iqis bhala wiehed illegali, liema rikors kien michud. Ghad illi l-ligi hija siekta dwar il-prospett t'appell minn tali digriet, l-imputat ipprezenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali b'talba ghar-revoka ta' dak id-digriet. Illi waqt is-smiegh quddiem il-Qorti Kriminali, l-imputat talab li ssir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li n-l-fatt li mhux koncess lilu dritt ta' appell filwaqt illi l-Avukat Generali

ghandu tali dritt, jivvjola d-drittijiet fundamentali tieghu fuq bazi ta' nuqqas ta'parita' tal-armi u nuqqas ta' smiegh xieraq;

2. Illi kif jemergi ukoll mill-atti, gara illi l-Qorti Kriminali ddisponiet mir-rikors quddiemha billi cahdet it-talba ghat-thassir tad-digriet tal-Qorti Istruttorja ghar-raguni li ma kellhiex kompetenza biex tisma u tiddeciedi dak il-mertu. Fl-istess decizzjoni, il-Qorti Kriminali ddisponiet mit-talba tar-rikorrenti ghar-riferenza kostituzzjonali quddiem billi laqghet l-istess. Dan ghamlitu mhux b'talba specifika lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tara jekk id-disposizzjoni tal-ligi ossia l-mankanza ta' dritt ta' appell huwiex leziv tad-drittijiet fundametali tar-rikorrenti, izda "*tilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex issir referenza kostituzzjonali stante li prima facie jista' jirrizulta li hemm nuqqas ta' partita fl-armi kif previst fl-artikolu 409A u 412B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-difiza ma hiex qed tinghata listess fakolta li tappella decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati filwaqt li tali dritt qed jinghata lill-Avukat Generali...*";

**L-eccezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Gernerali**:

3. Fl-ewwel eccezzjoni taghhom, l-Avukat tal-Istat jillanjaw li r-rikors tal-imputat tat-2 ta' Settembru, 2021 quddiem il-Qorti Kriminali kien tardiv u 'l hinn mill-parametri tal-ligi u li kosegwentement ir-referenza kostituzzjoni ma tissodisfax ir-regoli tal-procedura. Din l-eccezzjoni hija msejsa fuq il-proccedimenti tal-Kodici Kriminali riprodotti *supra* jigifieri li meta l-atti tal-kumpilazzjoni jkunu ghadhom quddiem il-Qorti Istruttorja, kull talba mill-partijiet ghandha ssir lill-dik il-Qorti. Huwa palezi u ma jehtieg ebda ezercizzju ta' interpretazzjoni ohra li talbiet quddiem il-Qorti Kriminali f'kawza li ghadhom fil-fazi tal-Istruttorja, jistghu isiru biss f'dak iz-zmien li l-atti jkunu rinvjati lill-Avukat Generali. Minkejja dan, l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Generali donnhom mhux qed jifhmu ir-raguni ghaliex l-imputat adixxa lill-Qorti Kriminali b'talba ghar-revoka tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati;

4. Hu palezi illi l-imputat ma kellu l-ebda dritt ta' appell mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati ghat-talba tieghu hekk imsejjha *habeas corpus* fit-termini tal-artikolu 412B tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, bil-ghan uniku li jottjeni tali dikjarazzjoni minn qorti tat-tieni grad, b'saggezza u astuzja, adixxa lill-Qorti Kriminali b'rikors li ghalkemm ma sejjahlux rikors t'appell, ghamel talbiet li effettivament iwasslu ghar-revizzjoni ta' dik id-decizjoni. Issa,

wiehed forsi jistaqsi ghaliex il-Qorti Kriminali u mhux il-Qorti tal-Appell Kriminali? Dik kienet l-ghazla tal-imputat u mhuhiex insolitu li l-Kodici Kriminali tipprovdi ghall-"appell" quddiem il-Qorti Kriminali minflok il-Qorti tal-Appell Kriminali. Ara, per ezempju l-artikolu 546 (4B) tal-Kodici Kriminali li effettivament huwa dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kriminali minn deczjoni tal-Magistrat Inkwirenti wara denunzja ossia "*notitia criminis*". B'din l-eccezzjoni l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Generali qieghdin jikkonfermaw li ma hemm l-ebda provvediment tal-ligi li jaghti dritt ta' appell lir-rikorrenti fil-kwistjonijiet ravviati fl-artikolu 412B tal-Kodici Kriminali;

5. Dik li hija l-aktar relevanti fl-eccezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat hi dik il-parti fejn josserva illi wara li l-Qorti Kriminali ddisponiet mit-talba tal-imputat ghat-thassir tad-decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati u wara li ordnat li ssir din ir-referenza, ordnat ukoll illi dik l-ordni ma kellhiex twaqqaf il-proceduri kriminali.

6. L-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jiddisponi hekk dwar dak osservat mill-Avukat tal-Istat:

> (3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiemi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni

7. Minn dan l-artikolu, apparti hwejjeg ohra, jemergi illi l-qorti referenti **ghandha** tistenna l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Dan implicitmanet ifisser ukoll illi l-kwistjoni pendenti quddiem il-qorti referenti ma tistax tissokta qabel ma jkun hemm u skond id-decizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u naturalment tal-Qorti Kostituzzjonali f'kaz ta' appell. Il-logika wara dan l-artikolu hija bil-wisq evidenti ghaliex fil-kaz li parti tallega li xi disposizzjoni tal-ligi jew azzjoni li tkun tifforma l-mertu ta' kwistjoni quddiem qorti referenti, dik il-Qorti li tkun rreferiet il-

kwistjoni ghandha tistenna l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Prim'Awla ghall-kull direzzjoni jew ordni li tista' taghmel u dik il-qorti imbaghad tissokta bil-kawza kif jixraq;

8. Issa fil-kaz odjern, il-Qorti Kriminali, minkejja li rreferiet il-kwistjoni ta' nuqqas ta' dritt ta' appell quddiem din il-Qorti, ddisponiet xorta wahda mil-lanjanza tal-imputat fuq il-konsiderazzjoni li ma kellhiex kompetenza tisma' u tiddeciedi l-kaz. Haga din li hija proprju l-mertu tar-referenza. La darba l-Qorti Kriminali pprolatat id-decizjoni taghha billi **cahdet** it-talba tal-imputat ghar-revoka tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrat u rrinvjat l-atti ghal-kontinwazzjoni, kull provvediment jew ordni li tista' taghti din il-Qorti ma jistax aktar ikun attwat mill-Qorti Kriminali. B'hekk huwa issa ukoll nieqes wiehed mill-elementi tal-kawzi, jigifieri dak tal-utilita' tal-kawza;

9. Ghalhekk ghandhom ragun l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Generali meta jecepixxu n-nullita tar-referenza u konsegwentement din il-Qorti ma ghandhiex ghazla hlief li twiegeb ghar-Referenza maghmula mill-Qorti Kriminali billi tiddikjaraha nulla u bla effett;

10. Tordna li kopja ta' din id-decizzjoni tintbaghat lill-Qorti Kriminali u lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja li qed tippresjedi l-kumpilazzjoni kontra l-imputat.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**